QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 30 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru:- 1230/97 DM

Joseph Cassar ghan-nom u n rappresentanza tas-socjeta Cranes & Commercial Sales Ltd gia maghrufa bhala J. Cassar Commercial Plant Sales Ltd

vs

Sunny Muscat u b'digriet tat-2 ta' Dicembru 1999 gie mibdul fl-isem Sonny Raymond Muscat

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas dik is-somma ta' tmin mija u disghin liri maltin w seba w disghin centezmi (Lm890.97), rappresentanti l-bilanc ta' diversi oggetti lil-konvenut mibjugha w ikkunsenjati mill-attur nomine favur tieghu.

Bl-ispejjes u l-imghax legali, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Fl-ewwel lok hu ma jismux Sunny izda Saviour sive Sonny Raymond Muscat
2 Fit-tieni lok l-ammont pretiz huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2148(B)
3 Fit-tielet lok kif ser jigi pprovat fil-kawza, kwalunkwe oggetti li kien xtara minghand is-socjeta' attrici huma mhallsa u sodisfatti
4 Bla pregudizzju ghas-suespost dato ma non concesso li tali ammont jirreferi ghal truck li l-konvenut kien xtara minghand is-socjeta' attrici dan ma kienx tal-kwalita' pattwita kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza
5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 1999 fejn il-konvenut irrinunzja ghall ewwel eccezzjoni minnhu sollevata.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat :-

Illi bit-tieni eccezzjoni preliminari l-konvenut invoka l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili.

Dan l-artikolu jipprovdi illi l-azzjonijiet ta' kredituri ghal prezz ta' merkanzija, oggetti u hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut jaqghu bil-preskrizzjoni fl-gheluq ta' tmintax il-xahar.

Mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta illi n-negozju illi sar bejnhu u l-konvenut kien jirrigwarda esklussivament il-bejgh ta' trukk bil-prezz ta' Lm1,600 (elf u sitt mitt lira Maltin) u diversi 'spare parts' ghall-istess trukk illi inbieghu f'perjodu bejn il-25 t'Ottubru 1991 sal – 10 ta' Gunju 1993.

Inoltre l-attur jippretendi illi dawn l-operazzjonijiet kummercjali huma kollha ta' l-istess natura, infatti huwa jallega illi ghal dawn l-operazzjonijiet huwa zamm kont wiehed u qieghed jitlob minghand il-konvenut il-bilanc rizultanti wara illi ha inkonsiderazzjoni il-pagamenti kollha li saru akkont.

Pero kemm mill-'istatements' esebiti mill-istess kumpanija attrici kif ukoll mid-deposizzjoni tal-konvenut u anke mic-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher illi l-bejgh tat-trukk huwa separat u distint mill-bejgh l-iehor tal-'ispare parts' illi saru, infatti anke l-'istatements' mahruga mill-kumpanija attrici ma jurux il-kreditu ghall bilanc ta' Lm800 (tmien mitt lira Maltin) mill-prezz ta' l-istess trukk.

Ghaldaqstant billi l-bejgh tat-trukk bl-'invoice' iffirmata ma jistax jitqies bhala bejgh ta' oggett mobbli bl-imnut, il-Qorti tikkonkludi illi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 (b) hi applikabli biss ghall dak li jirrigwarda l-bejgh tal-'ispare parts' bejn id-29 ta' Dicembru 1991 u l-10 ta' Gunju 1993.

Ghal dak li jirrigwarda l-bejgh tat-trukk, il-preskrizzjoni applikabli hija dik il-preskizzjoni generali ta' hames (5) snin ikkontemplata fl-Artikolu 2156 (f) li tirrigwarda l-azzjonijiet l-ohra kollha ghal hlas ta' kull kreditu iehor li gej mill-operazzjonijiet kummercjali.

Sa fejn jirrigwarda l-bejgh tal-'ispare parts' jirrizulta illi almenu sal-10 ta' Awissu 1994 il-bilanc dovut mill-konvenut kien ta' Lm329 (tlett mija disa' u ghoxrin lira Maltin) kif jirrizulta mill-ittra ufficjali spedita mill-kumpanija attrici lill –konvenut fl-imsemmija data, liema ittra tinsab esebita a fol 37 tal-process.

Mill-istess 'statement' esebit lill-kumpanija attrici a fol 32 tal-process kif ukoll minn dak esebit mill-konvenut a fol 38 tal-process jirrizulta illi l-konvenut wara li rceva din l-ittra ufficjali ghamel pagament akkont fis-somma ta' Lm320 (tlett mija u ghoxrin lira Maltin) u ghalhekk sat-23 ta' Mejju 1995 huwa kien baqghalu biss jghati lill –kumpanija attrici ghall-'ispare parts' somma ta' Lm9 (disa' liri Maltin).

Ghalhekk jirrizulta illi l-bilanc indikat fis-'statement a fol 32 tal-process bilanc ta' Lm90.97c 8 (disghin lira Maltin u seba' u disghin centezmu u tmien millezmi) jikkomprendi fih somma ta' Lm81.97c8 (wiehed u tmenin lira Maltin u seba' u disghin centezmi u tmien millezmi) illi l-attur qed jippretendi illi ghandhu jithallas bhala imghax fuq il-bilanci dovuti mill-konvenut.

Ghandu jinghad pero, illi ma sarux provi bizzejjed biex jindikaw illi l-operazzjonijiet li saru bejn il-kontendenti kienu ta' natura kummercjali fis-sens li anke il-konvenut ghandu jitqies illi huwa kummercjant ghall fini tan-negozju li saru bejn il-kontendenti. Biex jaghddu l-imghaxijiet kellha jsir interpellazzjoni ghal daqshekk u l-ewwel interpellazzjoni li ghamlu l-atturi kienet dik kontenuta fl-avviz ipprezentat fis-16 ta' Gunju 1997.

Infatti lanqas fl-ittra ufficjali ipprezentata f'Awissu ta' 1994 ma saret talba lill-konvenut biex huwa jhallas l-imghaxijiet kummercjali fuq il-bilanci illi huwa kellhu jaghti.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara illi ghal dak li jirrigwarda biss l-'ispare parts' il-konvenut huwa tenut illi jhallas lill-kumpanija attrici l-bilanc biss ta' Lm9 (disa' liri Maltin) oltre l-imghaxijiet fuq din is-somma b'effett mit-2 ta' Dicembru 1999, id-data tan-notifika korretta tal-avviz lill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda il-bilanc ta' tmien mitt lira dovut lill-atturi bhala bilanc minn prezz ta' trukk mibjugh f' Ottubru 1991 jirrizulta illi l-ewwel interpellazzjoni ghall-hlas ta' dan il-bilanc maghmul b'att gudizzjarju sufficjenti biex jinterrompi l-preskizzjoni huwa effettivament l-avviz prezentat fis-16 ta' Gunju 1997 u ghalhekk wara l-iskadenza ta' hames (5) snin minn meta sar il-bejgh.

Huwa ghalhekk illi Joseph Cassar prodott mill-Kumpanija attrici jallega illi l-konvenut kien verbalment accetta mieghu u ammetta d-debitu diversi okkazzjonijiet matul dan il-perjodu.

Izda d-deposizzjoni wahedha ta' Joseph Cassar m'hix bizzejjed biex tirribatti l-prezunzjoni illi effettivament ma kienx hemm tali ammissjoni.

Infatti lanqas bl'ittra ufficjali t'Awissu 1994 ma intalab il-hlas ghal bilanc ghal dik is-somma ta' Lm800 (tmien mitt lira Maltin) u fl- 'istatements' li gew esebiti qatt ma saret ebda riferenza ghal dan il-bilanc ta' Lm800 (tmien mitt lira Maltin).

Ghalhekk meta l-kumpanija u fil-korrispondenza ufficjali u fl-atti gudizzjarji qatt ma ghamlet riferenza ghal dan il-bilanc huwa difficili biex wiehed jaccetta illi fl-inkontri sporadici li kellhom Joseph Cassar u l-konvenut kienu jintalbu dawn il-flus.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi illi ma saret ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghal dak li jirrigwarda l-bilanc ta' Lm800 (tmien mitt lira Maltin) dovuti fuq il-bejgh ta' l-istess trukk u qieghdha tiddikjara l-azzjoni attrici fir-rigward preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 subinciz (f) tal-Kap 16 ta' Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm9 (disa liri Maltin) oltre l-imghax kummercjali fuq din is-somma b'effett mill-2 ta' Dicembru 1999 u tichad l-istess talba fejn jirrigwarda l-

bilanc ta' Lm881. 97 c8 (tmien mija wiehed u tmenin lira Maltin u seba u disghin centezmi u tmien millezmi).

Stante c-cikostanzi tordna l-ispejjez kollha  jithallsu mill-kumpanija attrici.

Magt Dr D Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg
civil 11